Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14757/22

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2022/0174(NLE)**

POLCOM 170
SERVICES 27
WTO 214

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 9981/22 |
| Nru dok. Cion: | 9979/22 + ADD 1 |
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' ftehim dwar il-modifika tal-iskedi ta' impenji speċifiċi skont il-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi biex jiġi inkorporat l-Anness 1 tad-Dikjarazzjoni dwar il-Konklużjoni ta' Negozjati dwar ir-Regolamentazzjoni Domestika tas-Servizzi tat-2 ta' Diċembru 2021<br>- Adozzjoni |

1. Fis-7 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' ftehim dwar il-modifika tal-iskedi ta' impenji speċifiċi skont il-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi biex jiġi inkorporat l-Anness 1 tad-Dikjarazzjoni dwar il-Konklużjoni ta' Negozjati dwar ir-Regolamentazzjoni Domestika tas-Servizzi tat-2 ta' Diċembru 2021[1].

2. Matul il-laqgħat tiegħu fit-8 u fit-22 ta' Ġunju, il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (esperti - Servizzi u Investimenti) approva din il-proposta, modifikata abbażi ta' proposta ta' kompromess tal-Presidenza biex isiru l-bidliet meħtieġa.

[1] ST 9979/22 + ADD 1

3. Fit-12 ta' Lulju 2022, il-Kunsill iddeċieda[2], bħala punt "A" f'konformità mal-Artikolu 218, paragrafu 6, punt a(v) TFUE, li jibgħat lill-Parlament Ewropew, għall-approvazzjoni, l-abbozz ta' deċiżjoni[3] dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti.

4. Fl-10 ta' Novembru 2022, il-Parlament Ewropew ta l-kunsens tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim.

5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u soġġett għall-konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:

- jadotta, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 9982/22 + ADD 1; u

- jieħu nota li l-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew.

---

[2] ST 9981/22
[3] ST 9982/22 + ADD 1